## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t’Inibizzjoni Nru **981/2021 (AD)**

**MARIA DOLORES FARRUGIA (KI 480458M)**
**u, għal kull interess illi jista’ jkollha,**
**CHERYLIE GRECH (KI 400180M)**

**vs**

**SALVINA sive SYLVIA GRECH (KI 576062M)**
**EILEEN FARRUGIA (KI 520065M) U**
**MARIA SCIBERRAS (KI 78268M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni permezz ta’ rikors ta’ Maria Dolores Farrugia u Cherylie Grech, għal kull interess illi jista’ jkollha, ippreżentat fit-tnejn (2) ta’ Lulju 2021, u risposta konġunta ta’ Salvina sive Sylvia Grech, Eileen Farrugia u Maria Sciberras ippreżentata fit-tlieta u għoxrin (23) ta’ Lulju 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fit-tnejn (2) ta' Lulju 2021, Maria Dolores Farrugia u Cherylie Grech (għal kull interess illi jista' jkollha), sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom konsistenti s-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000), talbu lil din il-Qorti tordna il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, jassenjaw, ineħħu, jiddisponu u/jew jittrasferixxu *inter vivos* kemm b'titolu onoruż jew gratwit xi proprjeta', b'mod partikolari d-dar numru 31, Triq tal-Mensija, San Ġwann, Malta, bil-garaxx (numru 6) retropost b'aċċess minn Triq Sant'Antnin, San Ġwann, Malta, u l-appartament fit-tielet sular (*second floor*) internament numerat tnax (12) formanti parti mill-blokk li jismu "Windsor Flats" fi Triq J Quintinus, San Pawl il-Baħar, konfinanti mill-Grigal mat-triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' persuni mhux magħrufa, kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€2.91);

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2021 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2021, l-intimati Salvina sive Sylvia Grech, Eileen Farrugia u Maria Sciberras opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, stante illi ma jeżistux ir-rekwiżiti – la legali u lanqas dawk fattwali – sabiex it-talba tar-rikorrenti tintlaqa';

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2021;

**Fatti tal-Każ**

6. Permezz ta' rikors preżentat fit-tnejn (2) ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti ppremettew illi:

a. Ir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia għandha dritt għall-porzjon riservat mill-wirt tal-ġenituri tagħha Emmanuele Sciberras u Maria Concetta Sciberras nee Zammit illi mietu fil-5 t'Awwissu 2019 u 30 ta' Novembru 2020 rispettivament;

b. Dan il-porzjon riservat ġie ffissat mir-rikorrenti, għall-finijiet ta' dan il-mandat, fil-valur ta' mitt elf Ewro (€ 100,000);

c. Kontestwalment mal-mandat odjern, ġiet intavolata wkoll kawża mir-rikorrenti kontra l-intimati fil-kwalita' tagħhom ta' eredi ta' l-istess Emmanuele Sciberras u Maria Concetta Sciberras nee Zammit, fl-ismijiet ***Maria Dolores Farrugia et vs Salvina sive Sylvia Grech***;

d. Ir-rikorrenti għandhom interess illi jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, konsistenti s-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000), kontra l-intimati, u għalhekk qed jitolbu lil din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, jassenjaw, ineħħu, jiddisponu u/jew jitrasferixxu *inter vivos* kemm b'titolu onoruż jew gratuwitu xi proprjeta', b'mod partikolari id-dar numru 31, Triq tal-Mensija, San Ġwann, Malta, bil-garaxx (Numru 6) retropost b'aċċess minn Triq Sant'Antnin, San Ġwann, Malta u l-appartament fit-tielet sular (*second floor*) internament numerat tnax (12) formanti parti mill-blokk li jismu "Windsor Flats", fi Triq J Quintinus, San Pawl il-Baħar, konfinanti mill-Grigal mat-triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' persuni mhux magħrufa, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€2.91);

7. Mill-banda l-oħra, l-intimati, permezz ta' risposta preżentata nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2021, eċċepew illi:

a. Ir-rikorrenti jafu b'eżistenza u l-valur tal-proprjetajiet li l-intimati qegħdin jintalbu sabiex ma jittrasferixxux, liema proprjetajiet ġew trasferiti fuqhom permezz tal-wirt. Għalhekk, l-eventwali bejgħ tal-

proprjetajiet mhu se jinfluwixxi xejn a rigward tal-allegat sehem tar-rikorrenti mill-assi, għaliex dan is-sehem huwa kreditu u mhux parti mill-assi;

b. L-allegat kreditu f'dan il-każ jista' jiġi kkomputat, u fil-fatt il-liġi stess tipprovdi għall-unjoni fittizja tal-assi tad-decujus;

c. Għalhekk il-possibilta' li l-assi immobiljari tal-intimati jinbiegħu jew jiġu trasferiti fuq terzi u l-ħlas tal-allegat kreditu ma jistax jiġi eluż;

d. In oltre, ir-rikorrenti ma identifikawx kif waslu sabiex iffissaw il-valur għoli ta' mitt elf Ewro (€100,000) tenut kont partikolarment illi, fl-aħjar ipoteżi, ir-rikorrenti jmissha wieħed minn erbatax (1/14) tal-valur tal-assi tad-decujus, liema assi l-valur tagħhom, bl-aktar valutazzjoni ġeneruża u fl-intier tagħha (mobbli u immobbli) ma taqbiżx il-miljun Ewro (€1,000,000);

e. *Dato ma non concesso* li r-rikorrenti gandhom xi jeddijiet, it-twaqqif tal-bejgħ ta' proprjeta' iġib preġudizzju lill-partijiet kollha, għaliex iċaħħad lir-rikorrenti milli jottjenu likwidita' li jpoġġihom f'qagħda aħjar li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

f. Għaldaqstant din il-Qorti ġiet mitluba mill-intimati sabiex tiċħad it-talba kif magħmula, bi kwalsiasi spejjeż tal-mandat odjern a karigu tar-rikorrenti.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

9. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2021;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

11. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

12. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

13. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

*approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

14. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

*Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

15. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

16. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

17. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

---

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

18. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

19. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]:

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca
[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

20. In parentesi, f'dak illi jirrigwarda l-element tal-irrimedjabilita' fil-każ odjern, il-Qorti f'dan l-istadju tinnota illi l-formola wżata mir-rikorrent sabiex ġiet intavolata l-proċedura odjerna hija l-formola ġenerika għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 21, illi tintuża sabiex jintalab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Art 873 tal-Kap 12, u mhux il-formola speċifika bin-numru 25 illi tintuża sabiex jintalab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Art 874 tal-Kap 12. Għaldaqstant, minkejja l-fatt illi, mad-daqqa t'għajn, il-proċedura odjerna jaf tiġi interpretata bħala waħda illi qegħda tinkwadra ruħha mad-dettami tal-mandat kontemplat mill-art 874 tal-Kap 12, dan effettivament mhux il-każ, u huma l-elementi tal-art 873 tal-Kap 12 illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tintlaqa' t-talba odjerna. Ergo, **l-element tal-irrimedjabilita' tal-preġudizzju illi hemm lok illi jiġi arrekat lir-rikorrent, għandu jiġi wkoll ippruvat mir-rikorrent sabiex tintlaqa' t-talba minnu magħmula**;

21. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

22. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

**A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrenti għandhom jedd *prima facie*</u>**

23. Il-jedd *prima facie* illi r-rikorrenti qegħdin isostnu illi għandhom fil-każ odjern jikkonsisti fi kreditu ta' mitt elf Ewro (€100,000), rappreżentanti porzjon riservat li r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia għandha mill-wirt tal-ġenituri tagħha. Il-mandat odjern huwa intiż sabiex jikkawtela din is-somma sakemm tiġi deċiża l-kawża fil-mertu fl-ismijiet ***Maria Dolores Farrugia et vs Salvina sive Sylvia Grech***;

24. Primarjament, il-Qorti tinnota illi tinsab sodisfatta illi r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia hija bint id-defunti Emmanuele Sciberras u Maria Concetta Sciberras nee Zammit, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess Maria Dolores Farrugia anness bħala **Dok A** mar-rikors odjern;

25. Fit-tieni lok, issir referenza għad-dikjarazzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta' *causa mortis* magħmula mill-intimati wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom (**Dok C** anness mar-rikors). Il-Qorti, għall-finijiet ta' din il-proċedura, qed tassumi illi l-valuri mogħtija lill-proprjeta' illi kienet tappartjeni lid-defunti konjuġi Sciberras m'huma kontestati minn l-ebda parti fil-mandat odjern, ġialadarba kienu l-intimati stess illi ddikjaraw dawn l-istess valuri fid-dikjarazzjoni *causa mortis* suriferita;

26. Ai termini ta' din id-dikjarazzjoni, il-proprjeta' immobbli illi kienu jippossjedu d-defunti konjuġi Sciberras kienet tikkonsisti fis-segwenti:

   a. Dar u garaxx f'San Ġwann, illi ġew stmati illi għandhom valur ta' €850,000;
   b. Appartament f'San Pawl il-Baħar, illi ġie stmat illi għandu valur ta' €160,000;

c. Qabar fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Paola, illi ġie stmat illi għandu valur ta' €2,500;

Għaldaqstant jirriżulta illi l-wirt tad-defunti konjuġi Sciberras jikkonsisti, mill-inqas, fi proprjeta' immobbli illi ġiet mogħtija valur ta' €1,012,500. L-ebda prova ma nġabet f'dan l-istadju rigward proprjeta' mobbli tal-istess konjuġi Sciberras;

27. Il-Qorti, fil-mansjoni limitata tagħha, mhix ser tidħol fil-kwestjoni rigward jekk hux dovut lir-rikorrenti porzjon riservat jew le mill-wirt ta' Emmanuel u u Maria Concetta konjuġi Sciberras; iżda, madanakollu, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi jsiru xi osservazzjonijiet rigward id-dritt għall-porzjon riservat kif stabbiliti fil-liġi u ġurisprudenza nostrana. Dan sabiex jiġu delineati b'mod aktar ċar il-prinċipji illi fuqhom huwa bbażat id-dritt illi qed jippretendu illi għandhom ir-rikorrenti, liema dritt qed jinsistu illi għandu jiġi kawtelat permezz tal-proċeduri odjerni;

28. L-Artikolu 615(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi, *"Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj"*, filwaqt illi s-sub-inċiż (2) tal-istess artikolu jistabbilixxi illi, *"L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. [...]."* Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Carmel Grima et vss Saviour Grima et***[8]:

> *Irid jitqies ukoll mill-ħarsien tal-prinċipju li s-sehem riżervat mogħti mil-liġi jibqa' mhux mittiefes minkejja li t-testatur jista' jkun għamel fit-testment tiegħu dispożizzjonijiet b'titolu partikolari li jnaqqru mill-ġid tal-wirt dik il-parti merfugħa biex tagħmel tajjeb għas-sehem imsemmi. Għalhekk, bit-twettiq tar-"rijunjoni fittizja" isir eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-ġid tal-wirt li jkun u, minn dak li joħroġ, jinstilet is-sehem riżervat. Il-*

[8] Rik Nru 1062/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 21 ta' Lulju 2021

*liġi nnifisha tgħid x'għandu jiddaħħal f'tali eżerċizzju biex tinħareġ il-konsistenza tal-wirt għall-finijiet tal-kakolu tas-sehem riżervat;*

29. Isegwi għalhekk illi, hekk kif stabbilit fl-art 620(2) tal-Kap 16, *"Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali."* Tali *"rijunjoni fittizja"* issir billi: (a) jinġabru l-beni kollha fi żmien il-ftuħ tas-suċċesssjoni u jingħata l-valur tagħhom; (b) jinqata' minnhom id-dejn; (c) jiżdied mal-bilanċ il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni[9]. Fil-każ odjern, ma tressqet l-ebda prova dwar dejn u/jew valur ta' beni li ngħataw b'donazzjoni;

30. Finalment, f'dak illi huwa l-*quantum* tas-sehem riservat illi jista' jispetta lir-rikorrenti, l-art 616(1) tal-Kap 16 jistabbilixxi illi f'każ ta' aktar minn 4 aħwa, is-sehem riżervat huwa terz tal-valur tal-beni tad-decujus. Fil-każ odjern, għalkemm ma ġiex kjarifikat kemm kellhom ulied id-defunti konjuġi Sciberras, jidher illi mhux kontestat il-fatt illi jekk jirriżulta illi għandha xi dritt għal porzjon riservat ir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, dan huwa ta' sehem wieħed minn erbatax (1/14) tal-valur tal-assi tad-decujus;

31. Tenut kont tal-osservazzjonijiet hawn magħmula, jiġi senjalat:

a. Illi Maria Dolores Farrugia hija bint id-defunti konjuġi Sciberras;

b. Illi għaldaqstant, Maria Dolores Farrugia għandha dritt *prima facie* ili titlob sehem riservat mill-eredita' tal-ġenituri tagħha, ai termini tal-liġi;

c. Illi jekk Maria Dolores Farrugia jirriżulta illi għandha tali dritt, dan ser ikun jikkonsisti f'1/14 mill-assi kollha illi kienu jappartjenu lil ommha Maria Concetta Sciberras mal-mewt tagħha;

---

[9] Ara ***Av Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe*** (Ċit Nru 25/2006) kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-28 ta' Mejju 2010, u ***Joseph Giordmaina et vs Av Dr Philip Manduca noe*** (Rik Ġur 656/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 17 ta' Ġunju 2020, Onor Imħ Robert G Mangion, in ġudikat)

d. Illi l-valur tal-assi immobbli fil-mument ta' mewtha kien ta' €1,012,500, iżda ma' dan l-ammont jonqos jiżdied il-valur tal-assi mobbli (jekk jissussistu), jitnaqqas dejn u/jew spejjeż ta' funerali (jekk jissussistu), u jiżdied il-valur tal-assi immobbli mogħtija b'donazzjoni (jekk jissussistu);

e. Illi, meħud in konsiderazzjoni biss il-valur tal-assi immobbli, fil-każ illi l-kawża fil-mertu tiġi deċiża favur tagħha, Maria Dolores Farrugia għandha dritt għal madwar €72,500 mill-eredita' tal-ġenituri tagħha. Naturalment, din is-somma teskludi numru ta' fatturi, fosthom: il-valur tal-assi mobbli u imgħax ai termini tal-art 615(2) tal-Kap 16;

32. Meħuda dawn l-osservazzjonijiet in konsiderazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi, mad-daqqa t'għajn, jidher għalhekk illi **r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia għandha dritt *prima facie* x'tikkawtela permezz tal-proċeduri odjerni**;

33. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, jirriżulta lil din il-Qorti illi **jissussisti d-dritt *prima facie*, u cioe l-ewwel rekwiżit sabiex jintlaqa' l-mandat odjern**;

## B. It-Tieni Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrenti

34. In konsiderazzjoni tal-fatt illi:

a. Diġa' hemm pretensjoni oħra magħmula minn Susan Sciberras u Emily Farrugia fuq l-eredita' in kwestjoni (vide **Dok D** anness mar-rikors odjern);

b. Ma nġabet l-ebda prova illi hemm assi oħra illi jistgħu jserrħu moħħ ir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia illi f'każ illi kawża fil-mertu jkollha

eżitu favorevoli għaliha, ser ikopru l-ammont kollu illi hi għandha dritt għalih;

c. L-ammont illi qegħda tippretendi r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia mhux wieħed żgħir;

mill-provi miġjuba quddiemha, il-Qorti tqis illi jkun idoneu illi tiġi ppreservata u ma tiġix trasferita xi proprjeta' li kienet tappartjeni lid-defunti konjuġi Sciberras sakemm il-kwestjoni bejn il-partijiet tiġi determinata fil-mertu;

35. Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi l-pretensjoni illi għandha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia hija ta' €100,000, il-Qorti tqis illi, meta tiġi kkunsidrata l-valutazzjoni relattiva mogħtija lill-proprjetajiet elenkati fit-talba odjerna, il-Qorti tkun inġusta mal-intimati jekk tilqa' t-talba kif magħmula fl-intier tagħha. Difatti, fiċ-ċirkostanzi, **din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pretensjoni tar-rikorrenti tkun ampjament kawtelata permezz tal-appartament fit-tielet sular *(second floor)* internament numerat tnax (12) formanti parti mill-blokk li jismu "Windsor Flats", fi Triq J Quintinus, San Pawl il-Baħar**;

36. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi **jissussisti t-tieni rekwiżit sabiex tintlaqa' t-talba odjerna, iżda illi l-mandat għandu jkun jolqot biss proprjeta' waħda mit-tnejn elenkati fir-rikors odjern.**

## C. It-Tielet Rekwiżit: Il-Preġudizzju illi jista' jiġi kkawżat lir-Rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed Irrimedjabbli

37. Applikati l-prinċipji legali suċitati, kif konfermati minn ġurisprudenza kostanti, għall-fatti tal-kawża odjerna, il-Qorti hija tal-fehma illi l-preġudizzju illi jiġi arrekat lir-rikorrenti fil-każ illi ma jintlaqax il-mandat odjern huwa wieħed irrimedjabbli, u dan stante illi jekk eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, u ma jkunx ġie kawtelat b'xi mod id-dritt tar-rikorrenti permezz tal-proċeduri odjerni, ma jkun hemm l-

ebda mod kif is-sentenza tiġi esegwita b'mod effettiv. Dan b'mod partikolari meta wieħed jikkonsidra illi hemm biss biss żewġ pretensjonijiet oħra fuq l-eredita' tad-defunti konjuġi Sciberras, u meta wieħed jikkonsidra wkoll illi ma nġabet ebda prova dwar jekk hemmx xi assi oħra (apparti l-proprjeta' immobbli) illi jistgħu jkopru kwalsiasi dritt illi jista' jkollha Maria Dolores Farrugia;

38. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata, **<u>jirriżulta sodisfatt ukoll it-tielet rekwiżit</u>**;

39. Il-Qorti, iżda, kif diġa' stqarret aktar 'il fuq, tifhem illi, hekk kif irritenew l-intimati fir-risposta tagħhom, mandat m'għandux jintuża bħala sarima li żżomm lill-intimati milli jgawdu l-jeddijiet tagħhom. Huwa għalhekk illi din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa' b'mod limitat.

**Decide**

40. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **<u>Tirrevoka</u>** *contrario imperio* d-digriet tat-tnejn (2) ta' Lulju 2021 in kwantu ġiet milqugħa t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jinżammu milli jbiegħu, jassenjaw, ineħħu, jiddisponu u/jew jittrasferixxu *inter vivos* kemm b'titolu oneruż jew gratuwitu d-dar bin-numru 31, Triq tal-Mensija, San Ġwann, Malta, bil-garaxx (numru 6) retropost b'aċċess minn Triq Sant'Antnin, San Ġwann, Malta; u

    ii. **<u>Tilqa'</u>** it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat odjern **<u>b'mod limitat</u>**, u cioe sa fejn tali talba tikkonċerna **<u>biss</u>** l-appartament fit-tielet sular (second floor) internament numerat tnax (12), formanti

parti mill-blokk bl-isem “Windsor Flats”, fi Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, Malta;

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri huma riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 13 t’Awwissu 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**